# KARTA ANNWALI TAL-MALTI TAL-ĦDAX-IL SENA (FORM 5)

*Linji gwida għall-għalliema u l-istudenti* (Ippubblikati fl-2017)

## 1.0 Daħla

Il-karta tal-eżami tal-Malti fi tmiem l-edukazzjoni obbligatorja (il-ħdax-il sena) se tinqasam f'żewġ sessjonijiet: f'waħda tiġi assessjata l-lingwa u l-oħra l-letteratura.

## 2.0 L-għan

Dan it-tibdil qed isir għaliex inħasset il-ħtieġa li l-istudenti jingħataw l-opportunità biex jiġu assessjati fil-ħiliet u l-kompetenzi kollha mgħallma skont it-tifsila tal-eżami aħħari taċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja (iċ-ĊES). Għalhekk dan l-eżami se jkun imfassal fuq l-istess linji bħaċ-ĊES biex l-istudenti jkollhom esperjenza minn qabel tal-assessjar kif isir fiċ-ĊES fil-komponenti kollha. B'hekk, filwaqt li dan l-eżami jagħtihom stampa tajba tal-ħiliet tagħhom fejn qegħdin, iservi wkoll biex, bl-għajnuna tal-għalliema, l-istudenti jkunu jistgħu jtejbu ħiliethom f'dawk l-oqsma fejn jaraw li marru xi ftit ħażin u hekk f'Mejju jersqu aktar imħejjija għaċ-ĊES. Għalhekk dan l-eżami barra li jaqdi l-funzjoni summattiva, għandu wkoll jaqdi primarjament għan formattiv.

## 3.0 Il-ħin

Il-karta tal-lingwa se tkun ta' sagħtejn imqassma fl-orali (adattament ta' dak taċ-ĊES għal raġunijiet loġistiċi u ta' ħin) ta' 10 minuti u l-karta tal-kitba ta' siegħa u tliet kwarti.

Il-karta tal-letteratura se tkun ta' sagħtejn.

## 4.0 Il-marki

Il-karta tal-lingwa se tkun minn 100 marka (15-il marka tal-orali u 85 tal-kitba) filwaqt li dik tal-letteratura se tkun ukoll minn 100.

Fir-riżultat aħħari tal-istudenti għandha tidher marka waħda taħt suġġett wieħed, il-Malti, li tinħareġ billi ż-żewġ marki li jġib l-istudent fiż-żewġ karti jingħaddu flimkien u jinqasmu fi tnejn. Fejn toħroġ marka bin-nofs għandha tiddawwar f'numru sħiħ favur l-ogħla marka (e.ż.67.5 = 68). Dan ir-riżultat ikun il-marka finali tal-istudent/a li tidher fir-rapport fejn se jkun hemm ukoll indikat liema karta għamel l-istudent/a, jekk hux 2A jew 2B. Madankollu l-istudenti fil-klassi għandhom ikunu mgħarrfa bil-marki separati li ġabu fiż-żewġ karti.

## 5.0 Tqassim il-karti

### 5.1 Il-karta tal-Lingwa:

Din se tkun magħmula minn **żewġ** komponenti: l-orali u l-karta tal-kitba.

**L-Orali tal-Malti fl-Eżami Annwali tal-Ħdax-il Sena (Rotta 2 u 3)**

**Il-Proċedura – għandha tkun l-istess għal kulħadd u f'kull skola.**

**Il-ħin tal-eżami: 10 minuti**

**Il-ħin għat-tħejjija: 10 minuti.**

L-istudent jissejjaħ biex jagħżel karta minn fost **6** li jkunu wiċċhom 'l isfel u jipprepara ruħu fuq il-kontenut tagħha billi jmur f'naħa mbiegħda tal-kamra/kamra oħra/barra fil-kuritur. L-istudenti għandhom ikunu taħt superviżjoni anke waqt it-tħejjija. Ladarba magħżula, il-karta tal-oral ma tinbidilx. L-istudent m'għandux jikteb fuq il-karta tal-eżami u mhux permess li jkollu xi materjal miegħu waqt l-eżami. Waqt li student ikun għaddej bit-tħejjija għall-orali, l-għalliem jista' jkun għaddej bl-eżami ma' student ieħor.

**It-Tqassim tal-Orali (15-il marka)**

L-eżami tal-orali fih **tliet taqsimiet** li huma: **il-qari, is-smigħ u t-taħdit** u jsegwu kemm jista' jkun l-istruttura tal-orali li jsir fiċ-ĊES tal-Malti.

i) **Il-Qari (4 marki)** - L-istudent jintalab jaqra silta mhux letterarja meħuda minn gazzetti, kotba ta' referenza, midja soċjali jew sorsi oħra. Din tista' tinkludi numri, ċifri, dati, dejta u statistika. Is-silta għandu jkollha titlu li jrid jinqara wkoll. M'għandhomx jingħataw referenzi minn fejn tkun ittieħdet is-silta u/jew id-dettalji tal-awtur. L-għalliema jassessjaw il-ħila tal-qari tal-istudent skont kriterji stabbiliti fl-iskema maħruġa apposta. It-tul tas-silta għandu jkun madwar 80 kelma u l-qari għandu jieħu 2 minuti.

ii) **Is-Smigħ (4 marki)** - L-għalliem jaqra silta oħra differenti mill-ewwel waħda ta' madwar 100 kelma u li ma tkunx meħuda minn testi letterarji. Is-silta tista' tinkludi espressjonijiet idjomatiċi u l-istudent ikun irid iwieġeb il-mistoqsijiet fuq dak li jkun sema'. **L-għalliem għandu jaqra s-silta darba waħda biss imma l-mistoqsijiet (u jekk ikun hemm it-tweġibiet li minnhom trid tingħażel it-tajba) għandhom jinqraw darbtejn.** Il-mistoqsijiet jistgħu jkunu b'għażla multipla jew jitolbu tweġiba ta' kelma waħda, jistgħu jitolbu li l-istudent ifisser frażi jew idjoma skont is-sens li fih tkun intużat fis-silta tas-smigħ jew jistgħu jitolbu rispons/ reazzjoni ħafifa u miftuħa mill-istudent għal dak li jkun sema' jinqralu. Il-ħin għal dan l-eżerċizzju għandu jkun ta' madwar 3 minuti u jingħataw 4 mistoqsijiet.

iii) **It-Taħdit (7 marki)** - L-istudenti jkollhom jitkellmu fuq tema kurrenti **jew** fuq tema kulturali skont kif ikun hemm fil-karta li jkunu għażlu. Dawn it-temi jittieħdu mis-sillabu

taċ-ĊES. Kull tema jkollha żewġ mistoqsijiet li l-istudent irid jagħżel waħda fuqiex jitkellem. L-istudent irid jagħżel il-mistoqsija u jħejji ruħu fuqha waqt il-ħin tal-preparazzjoni. L-istudent m'għandux jikteb fuq il-karta tal-eżami jew idaħħal noti jew kotba waqt l-eżami tal-orali. L-għalliema jassessjaw lill-istudent skont kriterji stabbiliti kemm fuq il-kontenut kif ukoll fuq il-Malti li jintuża. Dawn il-kriterji għandhom jinżammu qrib l-għalliem waqt l-eżami biex il-marki jingħataw skonthom. **L-assessjar tal-istudenti għandu jsir biss skont il-kriterji msemmija u skont il-marki mogħtija.** L-għalliema qed jingħataw ukoll galvu li jistgħu jużaw biex iniżżlu l-marki li l-istudenti tagħhom ikunu ġabu waqt l-eżami. Dan il-galvu se jkun inkluż fil-pakkett tal-karti tal-eżami li jintbagħtu mit-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv. It-taħdita għandha tieħu madwar 5 minuti. L-għalliem ikollu wkoll il-gwida bil-punti ewlenin tat-taħdit li l-istudent ikun mistenni li jsemmi b'rabta mat-tema u l-mistoqsijiet magħżula.

**Il-karta tal-lingwa (85 marka, siegħa u tliet kwarti)**

Din il-karta se jkun fiha **ħames** taqsimiet.

**Taqsima 1: Il-Komponiment (25 marka)**

L-istudenti jingħataw erba' titli biex jagħżlu **wieħed** u jiktbu 350 kelma fuqu. It-titli jkunu wieħed minn kull xejra: narrattiva, deskrittiva, argumentattiva u espożitorja.

F'din it-taqsima kollha jitnaqqsu l-marki għal żbalji ortografiċi, tal-punteġġjatura u tas-sintassi. Jitnaqqsu wkoll xi marki lil dawk li jiktbu inqas mill-ammont ta' kliem indikat.

**Taqsima 2A: Fehim it-Test (12-il marka)**

Is-silta ma tkunx letterarja u jkollha madwar 400 kelma. Is-silta għandha tkun immarkata bin-numru tal-paragrafu. L-istudenti jridu jwieġbu bejn 6 u 8 mistoqsijiet referenzjali u inferenzjali fuqha. Għalkemm ma jitnaqqsux marki għal żbalji ortografiċi u sintattiċi, l-istudenti huma mħeġġa biex jiktbu b'Malti tajjeb u strutturat sew u jaraw li t-tweġibiet mogħtija jinftiehmu sewwa mill-markatur. Huma għandhom ukoll jaraw li jwieġbu b'mod sħiħ dak li jkun mitlub fil-mistoqsija.

**Taqsima 2B: Għarfien il-lingwa (10 marki)**

L-istudenti jingħataw minn 4 sa 6 mistoqsijiet bħala taħriġ fuq il-lingwa tas-silta mogħtija. F'din il-parti fil-mistoqsija ssir referenza għall-paragrafu li minnu trid tinsilet it-tweġiba. F'din il-parti tal-eżami ma jitnaqqsux marki għal żbalji ortografiċi jew sintattiċi (sakemm it-tweġiba tkun tista' tinftiehem mill-markatur).

**Taqsima 3: Il-Grammatika (14-il marka)**

Tingħata silta oħra qasira ta' madwar 100 kelma li ma tkunx marbuta mas-silta tal-fehim it-test. L-istudenti jingħataw minn 12 sa 14-il mistoqsija biex juru li jafu r-regoli tal-morfoloġija, it-testwalità, il-lessiku u s-sintassi. Verbi irregolari u kliem arkajk ma

jiġux eżaminati. F’din il-parti tal-eżami, l-ortografija hija ttestjata u kull tweġiba li tinkiteb b’ortografija żbaljata titqies ħażina kollha.

**Taqsima 4: Ir-Rapport (12-il marka)**

L-istudenti jingħataw żewġ titli u jagħżlu **wieħed**. Huma jridu jiktbu rapport ta’ 80 kelma u fih juru li kapaċi jiżviluppaw argument sistematiku li jenfasizza l-punti sinifikanti u d-dettalji relevanti li jsaħħu dawk il-punti.

**Taqsima 5: L-Ittra (12-il marka)**

L-istudenti jingħataw żewġ titli u jagħżlu **wieħed**. Huma jistgħu jintalbu jiktbu ittra formali, informali u elettronika.

## NOTA IMPORTANTI GĦALL-ISTUDENTI:

**L-istudenti se jingħataw ktejjeb separat mill-karta tal-eżami biex fuqu jiktbu t-tweġibiet tagħhom għall-mistoqsijiet.**

**Il-karta tal-mistoqsijiet M’GĦANDU JINKITEB XEJN FUQHA.**

**Kif jispiċċa l-eżami l-istudenti jistgħu jieħdu din il-karta magħhom id-dar filwaqt li jagħtu l-ktejjeb bit-tweġibiet lill-inviġilatur tal-eżami.**

## 5.2 Il-karta tal-letteratura (100 marka / sagħtejn)[1]

L-istudenti se jkunu jistgħu jagħżlu jekk jagħmlux karta 2A jew 2B.

Din l-għażla għandha tkun mibnija fuq l-għażla li jkunu għamlu għall-eżami li ser jagħmlu fiċ-ĊES.

### Il-karta 2A

Din il-karta se jkun fiha **erba'** taqsimiet.

**Taqsima 1: Referenza għall-kuntest – Il-Poeżija** mill-antoloġija *Bejn Ħaltejn*

L-istudenti jingħataw mistoqsijiet (bejn 5 u 6 għal kull poeżija) fuq żewġ poeżiji studjati mill-antoloġija *Bejn Ħaltejn* u jridu jwieġbu l-mistoqsijiet ta' **waħda** minnhom. Din it-taqsima fiha 20 marka.

**Taqsima 2: Referenza għall-kuntest – Il-Proża** mill-antoloġija *Bejn Ħaltejn*

L-istudenti jingħataw mistoqsijiet (bejn 5 u 6 għal kull silta min-novella) fuq żewġ siltiet min-novelli studjati mill-antoloġija *Bejn Ħaltejn* u jridu jwieġbu l-mistoqsijiet ta' **waħda** minnhom. Din it-taqsima fiha 20 marka.

**Taqsima 3: Il-Komponimenti letterarji fuq l-antoloġija** ta' poeżija u proża *Bejn Ħaltejn*

L-istudenti jridu jwieġbu żewġ mistoqsijiet minn tlieta li jingħataw u jiktbu **żewġ** komponimenti letterarji ta' 200 kelma l-wieħed. Kull komponiment ikollu 15-il marka.

**Taqsima 4: Il-Komponiment letterarju fuq ir-rumanz** *Il-Ħarsa ta' Rużann*

L-istudenti jingħataw żewġ mistoqsijiet biex jagħżlu **waħda** u jiktbu komponiment ta' 400 kelma fuqha. Dan il-komponiment fih 30 marka.

Nota: L-istudenti huma mħeġġa li jiktbu b'ortografija tajba fil-komponimenti letterarji għaliex jitnaqqsu l-marki għal żbalji ortografiċi. Jitnaqqsu wkoll il-marki għal min jikteb inqas min-numru ta' kliem mitlub. It-tqassim tal-marki skont il-kriterji stabbiliti se jkun fl-iskema tal-marki li tinħareġ mal-karta tal-eżami annwali.

---

[1] **Dawn il-poeżiji u novelli li ġejjin u li qegħdin fis-sillabu tal-Malti għall-Ħdax-il Sena mhux se jkunu inklużi fl-eżami annwali u jistgħu jsiru wara Frar: *Żagħżugħ ta' Dejjem* (Dun Karm) u *Fejn jorqod ir-Riħ* (Achille Mizzi); *Firda minn Kelb* (Ġużè Ellul Mercer) u *Ċensina* (Lino Spiteri). Madankollu jekk xi studenti jużawhom tajjeb u jagħmlu referenza għalihom fil-komponimenti letterarji m'għandhomx jitnaqqsulhom marki.**

**Il-karta 2B**

Din il-karta se jkun fiha erba' taqsimiet.

**Taqsima 1: Referenza għall-kuntest – Il-Poeżija** mill-antoloġija *Bejn Ħaltejn*

L-istudenti jingħataw mistoqsijiet (bejn 5 u 6 għal kull poeżija) fuq żewġ poeżiji studjati mill-antoloġija *Bejn Ħaltejn* u jridu jwieġbu l-mistoqsijiet ta' **waħda** minnhom. Din it-taqsima fiha 20 marka.

**Taqsima 2: Referenza għall-kuntest – Il-Proża** mill-antoloġija *Bejn Ħaltejn*

L-istudenti jingħataw mistoqsijiet (bejn 5 u 6 għal kull silta min-novella) fuq żewġ siltiet min-novelli studjati mill-antoloġija *Bejn Ħaltejn* u jridu jwieġbu l-mistoqsijiet ta' waħda minnhom. Din it-taqsima fiha 20 marka.

**Taqsima 3: Il-Komponiment letterarju fuq l-antoloġija** ta' *poeżija u proża Bejn Ħaltejn*

L-istudenti jridu jwieġbu mistoqsija **waħda** minn tnejn li jingħataw u jiktbu komponiment letterarju ta' 200 kelma fuqha. Dan il-komponiment ikollu 30 marka.

**Taqsima 4: Il-Komponiment letterarju fuq ir-rumanz** *Il-Ħarsa ta' Rużann*

L-istudenti jingħataw żewġ mistoqsijiet biex jagħżlu **waħda** u jiktbu komponiment ta' 200 kelma fuqha. Dan il-komponiment fih 30 marka.

Nota: L-istudenti huma mħeġġa li jiktbu b'ortografija tajba fil-komponimenti letterarji għaliex jitnaqqsu l-marki għal żbalji ortografiċi. Jitnaqqsu wkoll il-marki għal min jikteb inqas min-numru ta' kliem mitlub. It-tqassim tal-marki skont il-kriterji stabbiliti se jkun fl-iskema tal-marki li tinħareġ mal-karta tal-eżami annwali.

## NOTA IMPORTANTI GĦALL-ISTUDENTI:

**L-istudenti se jingħataw ktejjeb separat mill-karta tal-eżami biex fuqu jiktbu t-tweġibiet tagħhom għall-mistoqsijiet.**

**Il-karta tal-mistoqsijiet M'GĦANDU JINKITEB XEJN FUQHA.**

**Kif jispiċċa l-eżami l-istudenti jistgħu jieħdu din il-karta magħhom id-dar filwaqt li jagħtu l-ktejjeb bit-tweġibiet lill-inviġilatur tal-eżami.**

**Tmiem**